MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2016

Rikors Maħluf Numru 342/2016LM

**Ballut Blocks Services Limited (C8360)**

**vs.**

**John Mary Casha (ID 241457M) u lil martu Carmen Casha (ID 539661M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-27 ta' April, 2016 mis-soċjetà attriċi **Ballut Blocks Services Limited,** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), li jgħid hekk:

1. *Illi s-soċjetà attriċi hija kreditriċi tal-konvenuti fl-ammont ta' sitta u erbgħin elf, disgħa mija u wieħed euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€46,901.91) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' materjal*

*ta' bini konsistenti f'concrete blocks u concrete mibjugħ u kkonsenjat bl-ingrossa lill-konvenuti mis-soċjetà attriċi fuq inkarigu tal-istess konvenuti u dana kif jirriżulta mill-annessi statements (Dok. "BSS1") u delivery notes (Dok. "BSS2").*

2. *Illi l-imsemmi ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-istess soċjetà attriċi jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ billi fil-fehma tal-istess soċjetà attriċi, il-konvenuti m'għandhom ebda eċċezzjoni xi jressqu kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont.*

3. *Illi għalkemm il-konvenuti ġew interpellati ripetutament sabiex iħallsu l-imsemmi ammont huma baqgħu inadempjenti u ma ħallsux.*

4. *Dawn il-fatti huma magħrufa lis-soċjetà attriċi personalment.*

*Illi għalhekk, għar-raġunijiet premessi s-soċjetà attriċi titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

1. *Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ għall-finijiet tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tikkundanna lill-konvenuti li jħallsu lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' sitta u erbgħin elf, disgħa mija u wieħed euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€46,901.91) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' materjal ta' bini konsistenti f'concrete blocks u concrete mibjugħ u kkonsenjat bl-ingrossa lill-konvenuti mis-soċjetà attriċi fuq inkarigu tal-istess konvenuti* (recte).

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontestwalment ippreżentat, oltre l-imgħaxijiet legali sal-jum tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti* (recte) li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni tagħhom.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti mill-atturi.

Rat l-affidavit ta' **Etienne Zammit**, rappreżentant tas-soċjetà attriċi[1], li bil-ġurament tiegħu ikkonferma illi s-soċjetà attriċi hija kreditriċi tal-konvenuti fl-ammont ta' sitta u erbgħin elf, disgħa mija u wieħed euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€46,901,91) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' materjal ta' bini konsistenti f'*concrete blocks* u *concrete* mibjugħ u kkonsenjat bl-ingrossa lill-konvenuti mis-soċjetà attriċi fuq inkarigu tal-istess konvenuti u dana kif jirriżulta mill-annessi *statements* (Dok. "BSS1") u *delivery notes* (Dok. "BSS2").

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Mejju, 2016 fejn il-partijiet f'din il-kawża filwaqt li qablu illi titħalla impreġudikata l-proċedura sommarja speċjali *ai termini* tal-Artikolu 167 *et seq*. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, talbu li jingħata differiment sabiex fil-mori l-konvenuti jkunu jistgħu jagħmlu pagament lis-soċjetà attriċi akkont tal-kreditu dovut lilha.

Rat in-nota ta' riduzzjoni ippreżentata waqt l-udjenza tat-22 ta' Settembru, 2016[2] mis-soċjetà attriċi, u kkonfermata bil-ġurament mill-avukat Massimo Vella kif debitament awtorizzat, fejn irriduċiet is-sorte għall-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, disgħa mija u wieħed euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€21,901.91ċ) oltre l-imgħax u l-ispejjeż.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-22 ta' Settembru, 2016 fejn il-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza.

[1] A fol. 5 tal-proċess.
[2] A fol. 60 tal-proċess.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

**1. Tilqa' l-ewwel talba u taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' wieħed u għoxrin elf, disgħa mija u wieħed euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€21,901.91ċ) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' materjal ta' bini konsistenti f'*concrete blocks* u *concrete* mibjugħ u kkonsenjat bl-ingrossa lill-konvenuti mis-soċjetà attriċi fuq inkarigu tal-istess konvenuti.**

**Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ippreżentat kontestwalment mar-Rikors Maħluf, oltre l-imgħaxijiet legali sal-jum tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti.**

Moqrija.